**30 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

William Soler

*versus*

Mary Esposito

## Kont ta' Perit - Preskrizzjoni - Rinunzja għad-Drittijiet

*L-azzjonijiet ta' l-arkitetti u inġinieri ċivili għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn. Li wieħed ikun irid jeżamina huwa jekk id-diversi xogħlijiet għandhomx jew le jitqiesu bħala krediti għal rashom, i.e. kerditi totalment distinti mill-kreditu prinċipali.*

*Il-konvenuta tippretendi li wara l-pagament ta' Lm200 da parti tagħha l-kreditu ta' l-attur kien sodisfatt għaliex il-kont ta' l-attur ma ntbagħatx mingħajr preġudizzju u għalhekk jiġi li huwa "rrinunzja għal xi ammont li seta' kien dovut". Ir-rinunzji għad-drittijiet jirrikjedu ħafna aktar minn hekk; fost kollox il-kjarezza u l-univoċita'.*

Il-Qorti:-

L-attur huwa Arkitett u Inġinier Ċivili, għalkemm żbaljatament, ma ġiex deskritt bħal tali fiċ-ċitazzjoni. B'dak l-att talab il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tikkundanna lill-konvenuta li tħallsu s-somma ta' disa' mija, erbgħa u erbgħin lira (Lm944) bilanċ ta' ammont akbar dovut għas-servizzi professjonali li pprestalha għall-kostruzzjoni ta' Villa D'Esposito f'H'Attard;

Il-konvenuta opponiet (a) il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni li jsemmi s-subinċiż (ċ) ta' l-artikolu 2149, Kap. 16; (b) bla preġudizzju, li l-attur tħallas tax-xogħol li effettivament għamel; (ċ) li l-ammont mitlub, huwa f'kull każ eċċessiv u finalment (d) li

l-attur kien ftiehem li jaċċetta somma ferm anqas minn dik mitluba;

L-ewwel Onorabbli Qorti nnominat lill-kompjant Perit Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Huntingford biex jirrelata fuq il-provi li l-partijiet jipproduċulu, u dan irrapporta favur l-attur pero` limitatament għas-somma ta'seba' mija u dsatax-il lira (Lm719);

*Fit-8 ta' Jannar, 1993 ġiet ippronunzjata s-sentenza li l-partijiet* essenzjali tagħha, għall-iskopijiet ta' dan l-apell, huma dawn:

*Omissis*;

"Għal dawn ir-raġunijiet allura l-Qorti tasal għall-konklużjoni illi tenut kont tal-fatturi fuq imsemmija għandhom jinqatgħu mill-ammont likwidat mill-Perit Legali l-ammonti indikati taħt l-*items* 27.4 u 27.5, ċjoe` total ta' Lm157, u l-ammonti taħt l-*items* 27.6 u 27.7 għandhom jinqraw Lm20.50 u Lm57.60 rispettivament;

*Il-Qorti għalhekk tiddeċidi l-kawża billi:*

Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatment għall-ammont ta' Lm546.38;

Tilqa' t-tieni talba attriċi;

Spejjeż jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet";

Appellaw iż-żewġ partijiet. L-attur ħassu aggravat għaliex is-sentenza applikat preskrizzjoni għall-parti minn xogħol tiegħu li kien *kontinwu. Barra dan huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas* nofs l-ispejjeż tal-kawża meta jiġi kkonsidrat illi l-konvenuta

eċċepiet li kienet ħallset kollox u l-Qorti rriġettat dik l-eċċezzjoni ;

Il-konvenuta da parti tagħha appellat ukoll għaliex ġie ritenut li l-attur huwa intitolat għall-ammont totali tal-kostruzzjoni billi kien preżenti għal-laqgħa fejn ġew iffissati l-prezzijiet tal-*finishes* li kellu jesegwixxi l-kuntrattur, mentri hija ma kienitx talbitu li jkun preżenti. Barra minn hekk, meta l-attur bagħat kont ta' mitejn lira (Lm200) dak huwa l-massimu li għalih huwa intitolat. Finalment ma ġietx imnaqqsa s-somma ta' tliet mija u ħamsin lira (Lm350) li hija kienet ħallset akkont;

Is-sentenza applikat, għall-parti mill-pretensjoni ta' l-attur il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikolu 2149 Kap. 16:

"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn:

(a) u (b) - *Omissis*;

(ċ) l-azzjonijiet ta' l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu";

Ma' dan l-ewwel Qorti abbinat ukoll dak li jgħid l-artikolu 2151 Kap. 16:

"(1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli qabel dan ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħlijiet, servizzi, jew qadi ieħor";

Huwa veru li minħabba dan l-aħħar artikolu, il-ġurisprudenza *hija fis-sens li kull kreditu għandu jitqies għal rasu* (*Prim'Awla*, 10 ta' Ġunju, 1926, **Ciantar *vs* Catania ne**) u għalhekk dak li jrid jiġi deċiż f'dan l-appell huwa jekk dak li jidhru fil-paragrafu 27 tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku - fol. 56 subparagrafi (4) u (5) għandhomx jew le jitqiesu bħala krediti għal rashom; jiġifieri krediti totalment distinti mill-kreditu prinċipali - ta' dan il-każ - li jidher fi-subparagrafu 1;

Ix-xogħol tas-subparagrafu 4 huwa deskritt hekk:

"Alterazzjonijiet ta' pjanti u sottomissjoni ta' applikazzjoni ġdida Lm60"

u fil-paragrafu 26, tar-relazzjoni jingħad:

".... l-attur għandu jitħallas għax-xogħol *extra* li ħa minħabba l-pjanti l-ġodda. L-istima ta' l-attur, ta' Lm60 hija raġonevoli meta tqis l-ispejjeż ta' *draughtmanship* eċċ."

Issa dan il-kont, fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jiġi meqjus bħala kreditu għal rasu, fis-sens li mhuwiex parti integrali mix-xogħol prinċipali tal-bini tal-villa tal-konvenuta u li huwa deskritt fis-subparagarfu 1, u għalhekk la dan ix-xogħol ċertament mhuwiex preskritt, dawn is-Lm60 għandhom jiżdiedu mas-somma likwidata mill-Perit - ħames mija u tnejn u sittin lira (Lm562) - total ta' sitt mija u tnejn u għoxrin lira (Lm622);

Rigward l-istimi li saru għall-iskopijiet tas-self mill-bank - subparagrafu 5, b'total ta' Lm225, dawn huma krediti li jistgħu jitqiesu separatament mill-inkarigu prinċipali mogħti lill-attur. Dawn

l-istimi jidher mid-dokument LHB fol. 157 li saru bejn l-24 ta' Mejju u t-12 ta' Awissu, 1983 u la ċ-ċitazzjoni ġiet ipprezentata fis-17 ta' Ottubru, 1985 il-perijodu ta' sentejn inqabeż;

Fuq il-lament rigward il-laqgħa mal-kuntrattur fuq il-finituri tal-konvenuta ma jidhirx li hija għandha raġun. Kif tosserva s-sentenza appellata l-presenza ta' l-attur avvantaġġjat lill-konvenuta għaliex, kif inhuwa ċar, il-presenza tiegħu serviet biex il-kuntrattur jibqa' fil-limiti tar-rati tas-sengħa, li l-attur kien jafhom u l-konvenuta le u billi wara u minħabba dik il-laqgħa l-attur issorvelja biex jara li dak ix-xogħol ta' finitura jsir sewwa mill-istess kuntrattur;

Fuq l-aggravji l-oħra tal-konvenuta wkoll, ma jistgħux isiru kummenti favorevoli speċjalment rigward il-pretensjoni li wara l-pagament ta' mitejn lira (Lm200) da parti tagħha l-kreditu ta' l-attur kien sodisfatt għaliex il-kont ta' l-attur ma ntbagħatx mingħajr preġudizzju u għalhekk jiġi li huwa "irrinunzja għal xi ammont li seta' kien dovut". Ir-rinunzji għad-drittijiet - huwa risaput - jirrikjedu ħafna aktar min hekk. fost kollox il-kjarezza u l-univoċita`. Meta rċieva l-Lm200, l-attur kiteb lura li:

"*I would like to make it clear that I am not accepting this cheque as final payment and that a balance of Lm214 is still outstanding*" - Dokument MD fol. 137;

Il-kont ta' l-attur kiber meta l-konvenuta ma ħallsitux, fiż-żmien minnu determinat, l-ammont sensibbilment ridott tal-prestazzjonijiet tiegħu;

Mhuwiex ċar il-kont li finalment stabbiliet l-ewwel Onorabbli Qorti;

L-ammonti li hija dehrilha li huma preskritti - paragrafu 27.5 jammontaw *għal Lm255.26 u mhux għal Lm157 u allura mill*-ammont totali finali tar-rapport - Lm719.78, skond kellhom jitnaqqsu biss - Lm225.26 bir-riżultat li l-ammont kanonizzat kellu jkun Lm494.52 u mhux Lm546.38, kif, minħabba żball aritmetiku, jidher żbaljatament indikat;

Għalhekk din il-Qorti qed tiddisponi mill-appelli billi tirriforma s-sentenza appellata inkwantu dik laqgħet l-ewwel talba attriċi pero` fl-ammont ta' erba' mija u erbgħa u disgħin lira u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm494.52c) u dan bl-interess mid-data li ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu ssopportati skond ir-rebħ u t-telf irrispettiv, jiġifieri tnejn u ħamsin fil-mija (52%) a karigu tal-konvenuta u tmienja u erbgħin fil-mija (48%) a karigu ta' l-attur.